31973R1545

IR-REGOLAMENT (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1545/73 TAL-KUNSILL
ta' l-4 ta' Ġunju 1973
li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KEFA, KEE) Nru. 549/69 li jistabbilixxi l-kategoriji ta' l-uffiċjali u aġenti oħra tal-Komunitajiet Ewropej lil għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12, it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 13, u l-Artikolu 14 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi Kunsill Wieħed u Kummissjoni Waħda tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 28 tiegħu

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikoli 16 and 22 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja;

Billi huwa neċessarju li jigi emendat ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KEFA, KEE) Nru. 549/69 [1] tal-25 ta' Marzu 1969 jistabbilixxi l-kategoriji ta' l-uffiċjali u aġenti oħra tal-Komunitajiet Ewropej li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12, it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 13, u l-Artikolu 14 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet japplikaw, emendat bir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru. 2532/72 [2], sabiex jittieħed kont tar-Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru. 1543 [3] ta' l-4 ta' Ġunju 1973, li introduċi - miżuri speċjali applikabbli temporanjament għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej imħallsa minn fondi ta' riċerka u ta' investiment;

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-paragrafi li ġejjin (f) u (g) għandhom ikunu miżjudin ma' l-Artikolu 2 tar-Regolament (Euratom, KEFA, EEC) Nru. 549/69:

"(f) dawk intitolati ghall-*allowance* prevista f'każ ta' terminazzjoni tas-servizz taħt l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru. 1543;

(g) dawk intitolati ghall-*allowance* prevista f'każ ta' terminazzjoni tas-servizz taħt l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru. 1543."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fl-4 ta' Ġunju 1973.

Għall-Kunsill

Il-President

R. VAN ELSLANDE

---

(1) ĠU No L 74, tas-27.3.1969, p. 1.
(2) ĠU No L 272, tal-5.12.1972, p. 1.
(3) Ara 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.